*- Abbuż ta' dritt gudizzjarju*
*- storja qasira tal-kunċett tal-abbozz ta' dritt*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' Novembru 2021.**

**Rikors Nru. 490/2014 GM**

**Doris Catania (ID 7127955M) u żewġha Charles Catania (ID 513755M) għal kull interess li jista' jkollu**

**vs**

**Evelyn Farrugia (ID 226255) u**

**Is-Soċjeta` Filarmonika La Stella Tal-Gudja A.D. 1919**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Doris u Charles konjuġi Catania li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

> Permezz ta' testment ippubblikat minn Nutar Hugh Grima fit-23 ta' Marzu 2010 Dokument A hawn anness Gabriel Farrugia z-ziju tar-rikorrenti u li miet fl-1 ta' April 2010 kien ħalla titolu ta' legat lir-rikorrenti Doris Catania

s-somma ta' €30,000 "b'ringrazzjament ta' kemm iddur bih u dana in piena u assoluta proprjeta`'.

Fil-imsemmi testment id-decuius Gabriel Farrugia kien innomina bħala eredi universali u padrun assolut tal-assi kollha tiegħu ereditarji f'Malta u barra minn Malta lis-soċjeta' intimata La Stella tal-Gudja, anno domini 1919 (A,D.1919).

L-intimata Evelyn Farrugia li tiġi oħt id-decuius intavolat kawża kontra fost konvenuti oħra l-esponenti Doris Catania u s-soċjeta' filarmonika msejħa La Stella tal-Gudja A,D. 1919 fejn talbet lill-Qorti sabiex tiddikjara illi d-decuius Gabriel Farrugia ma kienx kapaċi jikteb meta għamel it-testment tiegħu kif ukoll talbet dikkjarazzjoni mingħand il-Qorti illi ma ġewx segwiti l-formalitajiet rikjesti mil-Liġi għal testment fejn testatur ma jkunx kapaċi jikteb kif ukoll talbet dikjarazzjoni illi t-testment in kwistjoni kien null u bla effett u dana permezz ta' rikors ġuramentat ippreżentat mill-imsemmija Eveyln Farrugia fis-27 ta' Lulju 2010, rikors ġuramentat numru 763/10JZM.

Bla dubju ta' xejn l-intimata Evelyn Farrugia kienet intavolat il-kawża tagħha bl-iskop uniku sabiex f'każ li tirbaħ l-istess legalment isegwi illi d-decuius Gabriel Farrugia jiġi li miet ab instestato b'dan allura illi tkun hi li tirtu bħala l-iktar membru tal-familja qrib tiegħu ħaġa din li ma rrnexxilix tagħmel billi l-Qorti li quddiemha ġiet ippreżentata u nstemgħat il-kawża fuq riferita kienet, permezz tas-sentenza minnha mogħtija fid-29 ta' April 2014, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet mhux biss ċaħdet it-talbiet kollha tagħha iżda saħansitra, u obiter ma ħalliet assolutament l-iċken dubju illi dak mitlub mill-intimata Evelyn Farrugia kien manifestament mhux mistħoqq u jirrisali għall-frivolu u vessatorju, kif din il-Qorti tista' tapprezza anke bil-qari ta' fuq fuq tas-sentenza mogħtija, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument B.

Ciononostanti u biss minħabba pika insensata l-intimata Evelyn Farrugia appellat minn din is-sentenza bl-aggravji tagħha pero' għal kollox bla bażi kif din il-Qorti tista' tapprezza mill-qari tar-Rikors tal-Appell li kopja tiegħu qed tiġi hawn ukoll annessa u mmarkata Dokument C.

L-aġir tal-intimata Evelyn Farrugia kemm meta ntavolat il-proċeduri llum deċiża kif fuq intqal pero' iżjed u iżjed meta ntavolat l-appell tagħha nonostanti l-kontenut tas-sentenza mogħtija kontra tagħha qed tarreka danni ngenti mhux biss lir-rikorrenti iżda wkoll lis-soċjeta' filarmonika La Stella, l-intimata l-oħra billi ai termini tal-Artikolu 728 tal-Kodici Ċivili

meta legat jibqa' mhux imħallas u meta sitratta ta' legat ta' flus fuq dik is-somma mħollija b'legat jiddekorru l-imgħaxijiet ta' 8% liema imgħaxijiet jibqgħu jiddekorru almenu sakemm tiġi deċiża kemm din il-kawża kif ukoll l-Appell intavolat minn Farrugia mid-deċizjoni fuq riferita u jibqa' hekk jiddekorri sakemm finalment l-esponenti titħallas il-legat lilha mħolli bl-imgħaxijiet fuqu dovuta mid-data tal-mewt tat-testatur Gabriel Farrugia sad-data tal-pagament effettiv.

Id-danni li qed issofri l-esponenti mhumiex imputabli lis-soċjeta' intimata l-oħra iżda biss mill-intimata pero' fl-istess ħin u skont il-Liġi dawn id-danni li jikkonsistu biss fit-telf tal-użu tal-ammont ta' €30,000 imsemmi fil-legat u allura l-imgħax ta' 8% fuq l-istess ammont kif fuq intqal, kemm l-ammont imsemmi fil-legat kif ukoll l-imgħaxijiet fuqu għandhom teknikament jitħallsu mill-eredi universali s-soċjeta' filarmonika intimata.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi bl-aġir tagħha l-intimata abbużivament u bla ebda raġuni valida fil-Liġi ċaħdet lill-esponenti mill-użu tal-ammont minnha mħolli fl-imsemmi legat.

2. Konsegwentement tillikwida dawn id-danni f'somma ekwivalenti għal 8% fuq l-ammont ta' €30,000 imħolli lill-esponenti bħala legat fit-testment fuq imsemmi u dana mid-data tal-mewt tad-decuius sad-data tal-pagament kemm tal-ammont imsemmi fil-legat kif ukoll tal-imgħaxijiet legali fuq l-istess somma mid-data tal-mewt ta' Gabriel Farrugia sad-data tal-pagament dovut.

3. Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti in linea ta' danni dik is-somma li tiġi llikwidata skont kif ingħad fit-tieni talba.

4. Tikkundanna lis-soċjeta' filarmonika La Stella tal-Gudja A.D. 1919 tħallas lir-rikorrenti l-ammont lilha mħolli b'legat kif fuq intqal inkluż, jew eskluż skont kif din il-Qorti jidhrilha li għandha tiddeċiedi fuq l-ewwel tliet talbiet ta' dan ir-rikors, l-imgħaxijiet bit-8% mid-data tal-mewt tad-decuius Gabriel Farrugia sad-data tal-pagament effettiv u jekk ikun il-każ flimkien u *in solidum* mal-intimata Evelyn Farrugia.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tas-Soċjeta` Filarmonika La Stella tal-Gudja A.D.1919 li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. L-intempestivita` tal-azzjoni odjerna stante li kif ġja ingħad fir-rikors promotur, hemm appell pendenti intavolat mill-intimata Evelyn Farrugia mill-kawża fl-ismijiet Evelyn Farrugia vs. Doris Catania et. (Rikors Gur. Nru. 763/2010) deċiża fid-29 ta' April tas-sena 2014;

2. Is-Soċjeta` eċċipjenti jibqgħu u għadhom disposti jonoraw l-obbligi testamentari skont it-testment tad-decujus Gabriel Farrugia una volta jiġi determinat ġudizzjarjament b'mod definittiv l-istatus tagħhom qua eredi universali tad-decujus Farrugia;

3. Dwar l-imgħaxijiet kif mitluba, jekk din l-Onorabbli Qorti takkorda d-dritt kif mitlub u ċioe` mid-data tal-mewt tad-decujus, hija l-intimata l-oħra, ossia Evelyn Farrugia li għandha tagħmel tajjeb għal tali ħlas stante li s-soċjeta` eċċipjenti hija preżentement prekluża milli twettaq il-ħlas minħabba l-azzjoni inizjata minn Evelyn Farrugia u li għadha tinsab pendenti kif fuq spjegat.

Rat ir-risposta Ġuramentata tal-konvenuta Evelyn Farrugia li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. In-nullita' tan-notifika permezz tal-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni stante illi l-indirizz indikat mir-rikorrenti għan-notifika tal-esponenti huwa erronju kif anki jirriżulta mid-dokument anness u mmarkat bħala Dok 'A' fejn jirriżulta li l-indirizz ta' Evelyn Farrugia huwa "17, Triq San Mark, Gudja" u in vista ta' dan l-esponenti qed tagħti ruħha b'notifikata bir-Rikors Ġuramentat tar-rikorrenti permezz ta' dina r-Risposta Ġuramentata;

2. Sussidjarjament u mingħajr ebda pregudizzju għas-suespost, għandha ssir konnessjoni kif del resto anki spjegat fir-Rikors Ġuramentat tar-rikorrenti għal kawża li tinsab fi stadju tal-Appell fl-ismijiet 'Evelyn Farrugia vs Doris Catania et' (Rik. Ġur. Nru. 763/2010JZM) permezz ta' liema r-rispondenti odjerna qiegħda timpunja l-validita' tat-testment tad-decuius Gabriel Farrugia datat 23 ta' Marzu, 2010 in atti n-Nutar Pubbliku

Dottor Hugh Grima u għalhekk ikun opportun li dina l-kawża tistenna l-eżitu tal-kawża suriferita;

3. F'kull każ it-talba tar-rikorrenti in kwantu kif dedotta fil-konfront tagħha hija legalment insostenibbli stante illi l-azzjoni mressqa mill-esponenti permezz tal-kawża suriferita u ċioe' Rik. Ġur. Nru. 763/10JZM saret mill-esponenti unikament sabiex tissalvagwardja d-drittijiet legali tagħha kif del resto tippermetti l-liġi u mhux kif qed jiġi allegat b'xi forma ta' pika versu r-rikorrenti;

4. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma nfondanti stante illi l-esponenti tikkontendi ulterjorment lir-rikorrenti ma soffrew ebda danni minħabba li huma ma rċivewx l-legat imħolli lilhom skont it-testment in kwistjoni;

Rat l-atti tal-kawża

Ikkunsidrat:

**Fatti:**

Ftit jiem qabel mewtu, Grabiel Farrugia għamel testment li permezz tiegħu ħatar lis-soċjeta` konvenuta (minn issa 'l quddiem imsejħa *La Stella*) unika werrieta tiegħu, u lill-attriċi – neputija tiegħu - legatarja tas-somma ta' €30,000. Oħtu Evelyn Farrugia fetħet kawża kontra *La Stella* biex tattakka t-testment bl-allegazzjoni ma setax iffirmah meta kien fiżikament fi stat ħażin ta' saħħa.

Din il-Qorti, diversament ippreseduta, ċaħditilha t-talba għaliex skont il-liġi l-forma tat-testment tista' tiġi attakkata biss minn min ikun parti fih. Evelyn Farrugia ma kinitx parti. Il-Qorti, għalkemm kif tajjeb stqarret hija stess setgħet waqfet hawn, kompliet billi għamlet apprezzament akkurat tal-provi u kkonkludiet li l-provi dwar il-ħila li Grabiel Farrugia jagħmel testment kienu tenwi għall-aħħar, filwaqt li min-naħa l-oħra kien hemm id-depożizzjoni ċara u

konvinċenti tan-Nutar li rrediġa t-testment li minnha rriżulta li t-testatur mhux talli kien luċidu, imma luċidissimu, u kapaċi jiffirma, tant li ffirma mhux darba, imma għadd ta' drabi fuq it-testment. Evelyn Farrugia appellat u l-appell mhux biss ġie miċħud imma wkoll iddikjarat fieragħ u vessatorju u kkundannatha tħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

Hekk kif inqata' l-appell *La Stella* ħallset il-legat.

Kemm l-attriċi kif ukoll *La Stella* jgħabbu lil Evelyn Farrugia bir-responsabilita` għad-dewmien fil-ħlas tal-legat, abbażi t'abbuż tad-dritt ġudizzjarju. Mhux faċli għall-Qorti li tikkonkludi li jkun hemm abbuż tad-dritt in ġenerali nkella abbuż tal-proċess ġudizzjarju in partikolari, bħal f'dan il-każ.

Filwaqt li l-aforiżma *qui suo iure utitur non videtur damnum facere* għandha għeruq antiki u stabbiliti, il-formula *abbuż tad-dritt* fl-esperjenza kontinentali għandha ħajja relattivament ferm qasira ta' inqas minn seklu. Sa minn meta tfaċċat, kellha rejazzjonijiet mill-iktar varjati: kien hemm min eżaltaha b'toni mistiċi; u kien hemm oħrajn li kkritikawha bl-iktar mod aħrax b'espressjonijiet ta' preokkupazzjoni u ta' biża'. Kultant din il-formola dehret il-mezz l-iktar sod u oriġinali biex jiġi miksub kriterju ta' ġudizzju li jissodisfa lill-kuxjenza tagħna ferm iktar mill-kriterju tal-leġitimita' formali tal-atti umani; drabi oħra dehret bħala t-theddida l-iktar perikoluża għaċ-ċertezza tal-liġi.

Jgħid appropożitu **Pietro Rescigno**, fl-opra tiegħu *L'Abuso del Diritto (Mulino 1998): Analizzata nelle parole che la compongono – abuso, e` intimamente contraditttoria. Diritto (piu' esattamente, il diritto soggettivo) vuol dire liberta' garantita all'individuo, o a un gruppo privato, da una norma giuridica; vuol dire potere di volonta' e di azione che la norma concede al soggetto, o al*

*gruppo, nei confronti di uno, o di piu', o di tutti gli altri soggetti dell' ordinamento. Quando si parla di abuso, di possibilita' di abuso del diritto, si vieni a dire che l'esercizio di questa liberta' garantita dalla norma, del potere accordato dalla legge, puo' dar luogo a responsabilita'; onde un atto lecito – l'esercizio del diritto – diviene fonte di responsabilita'. Significa sottindere alla liberta' ed al potere un limite, ed il limite, la misura sembrano vaghi e sfuggenti.*

Id-dottrina li tiċħad il-problema "ġuridiku" tal-abbuż tinsisti fuq l-inkompabilita' taż-żewġ espressjonijiet "abbuż" u "dritt" li jinstabu flimkien fil-formula "abbuż tad-dritt"; tiċħad is-sitwazzjoni ta' "konflitt tad-drittijiet" li hija l-bażi tal-premessa tal-abbuż; u tara kontradizzjoni loġika insuperabbli fil-pretiża "relattiva tad-drittijiet".[1]

Tabilħaqq li l-abbuż tad-dritt huwa fenominu soċjali, imma skont l-istess dottrina, dan definittivament ma jappartjenix għar-realta' ġuridika pożittiva.

Il-kunċett ta' abbuż tad-dritt twieled fl-ambitu tar-reġim liberali tas-seklu dsatax. Fil-kodiċijiet tal-Ewropa kontinentali, il-kodiċijiet tad-dritt privat li saru wara l-kodiċi ta' Napuljun (l-ewwel fosthom il-kodiċi Tedesk u l-kodiċi Svizzeru) introduċew id-divjet espress għall-abbuż tad-dritt.

Dan id-divjet espress ma jeżistix fil-kodiċijiet ta' Franza u tal-Italja, fejn ir-reviżjoni tal-kunċett tad-dritt soġġettiv u l-iżvilupp tal-kunċett ta' abbuż tad-dritt huma r-riżultat ta' proċess kritiku esegwit min-naħa ta' ġewwa tas-sistema mill-prattika u mid-dottrina.[2]

[1] **Fabricius,** *Relativitat der Rechstfahigkeit*, Munchen-Berlin 1963.

[2] Resigno, ip cit. Paġna 33

Fil-**Kodiċi Ċivili** Malti, insibu dan il-kunċett b'mod espress fl-**Artiklu 1030** tiegħu: "***kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu***".

Il-Prim Imħallef Said Pullicino, meta kien għadu mħallef sedenti f'din il-Qorti, kiteb li:

> "Hu ċar wkoll illi d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti hu fost l-aqwa drittijiet li fl-eżerċizzju tiegħu ċ-ċittadin bl-ebda mod ma għandu jiġi mxekkel. Jinkombi fuq iċ-ċittadin pero' d-dover li ma jabbużax minn dan id-dritt u jekk jabbuża jkun ritenut responsabbli għad-danni provokati b'tali abbuż. Mill-banda l-oħra hu ċar ukoll illi fatt li t-talba ta' min ikun ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser neċessarjament li sar abbuż tad-dritt li tiġi adita l-Qorti. Hu biss f'każ eċċezzjonali li dan ikun il-każ. Dan għaliex hu risaput illi għalkemm il-liġi hi oġġettivament waħda għal kulħadd, fl-istess ħin hi spiss tagħti lok għall-interpretazzjonijiet vari u soġġettivi li l-partijiet u s-socjeta' jafdaw f'idejn il-ġudikant biex jiddetermina u japplika";

U elenka l-kriterji għandhom jiġu segwiti biex jiġi ddeterminat jekk id-dritt li wieħed jaderixxi l-Qorti jkunx ġie abbużat:

> (a) Illi huwa prinċipju fondamentali illi min jeżerċita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-eżerċizzju jkun responsabbli għall-ħsara li bħala konsegwenza jista' jbati ħaddieħor, in omaġġ għall-massima "*qui suo iure utitur, non videtur damnum facere*", bil-konsegwenza li d-dritt għar-rikors għall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-eżerċizzju tiegħu miċ-ċittadin ma għandu bl-ebda mod jiġi mxekkel.
>
> (b) Illi tali dritt taċ-ċittadin għar-rikors lejn il-Qorti ma għandux jiġi abbużat.
>
> (ċ) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri tiġi miċħuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma tfisser neċessarjament li sar abbuż mid-dritt li tiġi adita l-Qorti. *"Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca" ("Demajo vs Page" Vol. XV. Pg. 34. P.A. 24. 1. 1895).* Dan

għaliex għalkemm il-liġi hija l-istess għal kulħadd, huwa veru wkoll li l-liġi hija soġġetta għall-diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-ġudikant biex jinterpreta u jiddeċiedi dwarhom.

(d) Illi tali abbuż jiġi riskontrat biss f'każijiet eċċezzjonali u dan kważi dejjem f'każijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" - A.C. -XXXIX. I. 24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negliġenza ġravament kolpusa ("Agius vs Dott. Carbone nomine" - XIII. 434 -10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' tali mandat kawtelatorju jkun ibbaża fuq ċirkostanzi manifesti *"priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite".* ("Mugliette vs Bezzina" - XXVI. I. 405).

(e) Illi dan l-aħħar prinċipju huwa bbażat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja, għaliex ingħad sew illi: *"Il diritto cessa dove comincia l'abbuso ...... riteniamo che basta, per prottegere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti".* Applikat dan il-principju għad dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi" *chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un' indemnita' al suo avversario...." (Baudry Lacantinerie - Trattato Prattico di Diritto Civile Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg. 560).*

Għalkemm l-imsemmija pronunzjamenti saru fil-kuntest tal-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, huma ta' applikazzjoni ġenerali.

Intqal li pronunzjamenti ġiudizzjarji oħrajn :-

**"Giuseppe Falzon -vs- Carmelo Laferla",** Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Mejju, 1931 illi *"perche` l'azione per i danni possa dirsi giuridicamente fondata, è necessario che, indipendentemente dalla soccombenza, sia dimostrato, e provato, concludentemente che il contendente abbia danneggiato la parte*

***avversa con un suo trasmodarsi nell'esercizio di un preteso suo diritto****. Non è in colpa chi credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede li tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca";*

**"Maria Giuseppe Mugliett** ***et*** **-vs- Avvocato Dr. Giorgio Bezzina"**, Appell Civili, 26 ta' Jannar 1926, Fiha, b'osservazzjoni tal-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili, issokta jiġi kummentat dan: *"non si sanziona il principio che la soccombenza nel giudizio tragga necessariamente seco la conseguenza del dovere del risarcimento; sarebbe rendere gravoso e difficile al cittadino ricorrere all'autorita' giudiziaria se si punisse la meno retta e talvolta dibattuta interpretazione dei propri diritti ... ";*

Ikkunsidrat:

Illi kif diġa` ġie muri, m'hemmx dubju li, kif ippronunzjat ruħha din il-Qorti, diversament ippreseduta, fil-kawża li fetħet Evelyn Farrugia, il-każ tagħha kien wieħed ferm debboli u priv minn kull fundament ġuridiku. Jidher ċar li kien hemm ċerta negliġenza da parti tagħha meta ddeċidiet li tiftaħ il-kawża. Minkejja dan, ma jirriżultax lill-Qorti li hija fetħet il-kawża f'xi spirtu emulatorju. Almenu soġġettivament kienet in bwona fede. Min-naħa l-oħra, wara li tilfet il-kawża u appellat, ma baqgħetx in bwona fede. Il-Qorti tal-Appell iddeċidiet li l-appell kien wieħed fieragħ u vessatorju. Evelyn Farrugia tisħaq li b'daqshekk ma jfissirx li hija abbużat mid-drittijiet tagħha. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-raġunament. Li wieħed ikun frivolu u vessatorju jfisser li jkun in mala fede; li jkun qiegħed jillitiga meta jaf li m'għandux raġun u sabiex idejjaq lill-kontroparti; possibilment biex jissikkaha ħalli ċċedi l-armi allavolja jkollha raġun. Għalhekk sa mid-data tas-sentenza ta'

din il-Qorti fil-kawża li fetħet Evelyn Farrugia, hija kienet qiegħdha tabbuża mid-drittijiet tagħha.

Jibda biex jingħad li l-kwistjoni dwar il-frottijiet jew imgħaxijiet li jistgħu jkunu talvolta mill-eredi lil-legatarji hija regolata mill-artikolu 727 tal-Kodiċi Ċivili.

> 727. Il-legatarju ma jistax jitlob il-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat, ħlief minn dakinhar li jkun, imqar b'ittra uffiċjali, sejjaħ lill-werriet biex jikkunsinna jew iħallas il-legat, jew minn dakinhar li din il-kunsinna jew dan il-ħlas ikun ġie mwiegħed lilu.

Din id-disposizzjoni hija ċara. Ir-regola ġenerali hija allura li l-frottijiet jew l-imgħaxijiet tal-legat ma jmissux lill-legatarju ħlief mill-jum li fih huwa jsejjaħ lill-werrieta għall-ħlas jew għall-konsenja tal-legat, imqar b'ittra uffiċjali, jew minn dakinhar li l-ħlas jew il-kunsinna tal-ħaġa legata tkun ġiet mwiegħda lilu. Kif jgħid il-ġurista Ricci, dwar disposizzjoni identika fil-Kodiċi Ċivili Taljan tal-imgħoddi, *"Questa disposizione deriva, a parer nostro, dal principio, che la persona onerata del legato non puo'essere tenuta ad amministrare e far fruttare la cosa legata nell'interesse del legatario; onde questo obbligo allora sorge naturalmente a di lei carico quando sia stata posta in mora a, consegnare la cosa dovuto..." (Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol.III, para.379).* Pero' l-liġi ma tieqax hemmhekk:

> 728. L-imgħaxijiet jew il-frottijiet tal-ħaġa mħollija legat jibdew jgħaddu favur il-legatarju minnufih wara l-mewt tat-testatur, ukoll mingħajr is-sejħa ġudizzjarja msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:
>
> (a) meta t-testatur ikun espressament hekk ordna;

(b) meta l-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.

Illi ma jirriżultax illi l-attriċi sejħet b'ittra uffiċjali lis-soċjetà konvenuta biex tħallas dan il-legat. Allura wieħed irid iħares lejn interpretazzjoni tal-artikolu 728. L-artikolu 728 jipprovdi illi l-ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja ma hijiex meħtieġa fejn it-testatur ikun ordna mod ieħor, u fejn il-legat ikun ta' fond, jew ta' kapital, jew ta' ħaġ'oħra li tagħti frottijiet. Għandu jkun paċifiku li fid-disposizzjoni testamentarja in kwistjoni, t-testatur ma ordnax lill-eredi tiegħu biex iħallsu l-imgħaxijiet lil-legatarja. Jifdal għalhekk li wieħed jara jekk il-legat in kwistjoni huwiex ta' fond, kapital jew ħaġ'oħra li tagħti frottijiet.

Intqal b'referenza għad-disposizzjoni analoga f'kodiċi ċivili Taljan tal-imgħoddi, li *"Sotto la espressione capitale fruttifero intendesi una somma impiegata e producente interessi [Pacifici Mazzoni, Il Codice Civile Italiano Commentato, VoL.IV, para.78].* Ifisser dan illi l-kapital, biex jitqies bħala produċenti l-imgħaxijiet għall-benefiċċju tal-legatarju mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja, irid ikun impiegat b'mod fruttiferu. Tal-istess fehma huwa Ricci (ibid), li jgħid, *"Per capitale fruttifero non deve intendersi una somma di danaro, che e' capace a produrre interessi, bensi quel danaro che trovandosi ġia' investito dallo stesso testatore, e' stato destinato a produrre interessi".* Fil-każ odjern, ma ġiex legat kapital li kien diġa` mpjegat b'mod fruttiferu, imma

ġiet legata somma flus sempliċi. Għalhekk l-artikolu 728 ma jsibx applikazzjoni għall-fattispeċi tal-każ odjern.

Din l-interpretazzjoni sabet sostenn anke mill-ġurisprudenza emanata mill-Qrati tagħna (ara Clyde Meli vs. Maurice Pace Decesare et, Prim Awla, 24/5/2002 - mhux appellata).

Illi għalhekk l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-29 t'April 2014 – data tas-sentenza appellata.

Għalkemm huwa minnu li *La Stella* ma kien hemm l-ebda impediment legali xi jxekkilha milli tħallas il-legat minnufih, ikun inġust li wieħed jaddossalha r-responsabilita` għad-danni, konsistenti f'telf ta' mgħax, waqt li ntefgħet fi stat ta' inċertezza waqt il-pendenza tal-kawża miftuħa minn Evelyn Farrugia. Kulħadd għandu jerfa' r-responsabilita` ta' għemilu, imma mhux ukoll t'għemil ħaddieħor. Hekk titlob ukoll l-ekwita`.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-każ billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha safejn mhux kompatibbli ma' din is-sentenza.
2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi bl-aġir tagħha l-konvenuta abbużivament u bla ebda raġuni valida fil-liġi ċaħdet lill-esponenti mill-użu tal-ammont minnha mħolli fl-imsemmi legat.
3. Tilqa' in parte t-tieni talba billi tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' €3,300 imgħax mill-24 t'April 2014 sal-10 t'Awwissu 2020.

€15,123.29 *



* ammont mibdul b'digriet tad-9 ta' Diċembru 2021. Alessandro Dep. Reg. 09/12/21

4. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuta Evelyn Farrugia tħallas lill-atturi in linea ta' danni dik is-somma ta' €3,300. €15,123.29*

5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba.

Bl-ispejjeż a kariku tal-konvenuta Evelyn Farrugia.

Moqrija.

* ammont mibdul b'digriet tad-9 ta' Diċembru 2021.
Dep. Reġ.
09/12/21

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA